MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 10/2008

**Tabib Dr Tancred Busuttil**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tat-Tabib Dr. Tancred Busuttil tat-23 ta’ Jannar 2008 li jghid hekk:

Illi fil-11 ta' Dicembru 1987 kienu gew istitwieti proceduri kontra tieghu fl-ismijiet John u Mary Margaret mizzewgin Cachia, u l-istess John Cachia bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu Ronald Cachia v. Tabib Dottor Tancred Busuttil et, liema proceduri igibu n-numru 983/1987;

Illi t-talba f'dawn il-proceduri tirrigwarda allegazzjoni ta' imperizja u negligenza da parti tar-rikorrent fl-esercizzju tal-professjoni tieghu u konsegwentement likwidazzjoni u hlas ta'danni;

Illi minkejja li tali proceduri ilhom li inbdew sa mis-sena 1987, illum dawn l-istess proceduri ghandom pendenti quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u illum jinsabu differiti ghas-26 ta' Marzu 2008;

Illi illum dawn il-proceduri qedghin fi stadju fejn il-partijiet qedghin jistennew r-rapport tal-periti addizzjonali li gew appuntati wara li kien gia gie pprezentat r-rapport tal-perit mediku li kien l-ewwel appuntat mill-Onorabbli Qorti;

Illi tali proceduri ghandhom effett serju fuq ir-rikorrent billi l-mertu taghhom jirrigwarda l-ezercizzju tal-professjoni tieghu u ghalhekk ir-reputazzjoni tieghu ilha ghal dan l-ahhar ghoxrin sena milqghuta minn dawn il-proceduri;

Illi l-proceduri ma jirraprezentaw l-ebda diffikulta procedurali jew ta' materja li tista' b'xi mod tiggustifika dewmien ta' ghoxrin sena, specjalment meta wiehed jikkunsidra li tali zmien qieghed jittiehed biss mill-proceduri fl-ewwel stadju, li tali proceduri ghadhom ma humiex konkluzi u ma hemm l-ebda hjiel ta' meta dawn sejrin jigu konkluzi, u izjed u izjed meta wiehed jikkunsidra li jkun ghad fadal l-istadju tal-appell;

Illi in oltre r-rikorrent b'ebda mod ma kkawza tfixkiel f'dawn il-proceduri u sahansitra dejjem kkopera kemm fil-gbir tal-provi kif ukoll tramite s-sottomissjonijiet u atti legali li kellhom jigu pprezentati minnu;

Illi tali dewmien huwa irragonevoli u jikser id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-ligi tramite l-Kapitolu 319 tal-Ligiijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara (1) li t-tul ta' zmien li qieghed jittiehed sabiex jigu konkluzi l-proceduri fl-ismijiet John Cachia et nomine vs Tabib Dottor Tancred Busuttil et (983/1987) huwa irragonevoli; (2) li tali tehid ta' zmien jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-ligi f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet tal-Malta; (3) taghti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq u opportun sabiex jindirizzaw tali vjolazzjoni b'mod effettiv fosthom li tillikwida dak il-kumpens gust.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghas-segwenti:

Illi kwantu l-allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid isir ezami tar-ragunijet relattivi sabiex ikun jista jigi determinat jekk ir-rikorrent sofriex lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq minhabba dewmien. Ghaldaqstant, it-tul taz-zmien fi proceduri gudizzjarji fih innifsu ma jwassalx ghal ksur awtomatiku ta' dritt ghal smigh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-reputazzjoni li jgawdi r-rikorrent tmur lill hinn mill-allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedern.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jichad kwalunkwe allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jirrizulta n-necessita fil-mori tal-kawza.

Rat l-atti u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat kif ukoll rat l-inkartament tal-kawza mertu ta’ dan ir-rikors

kostituzzjonali 983/87CFS deciza fis-27 ta’ Novembru 2013 u li minnha ma sarx appell;

Rat li r-rikors kostituzzjonali thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors ibbazat fuq allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem a tenur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens illi r-rikorrent gie privat minn smigh xieraq fi zmien ragonevoli. Hu qed jibbaza l-lanjanza tieghu fuq it-tul ingustifikat li qed jiehdu l-proceduri civili kontrih li saz-zmien tal-intavolar ta’ dan ir-rikors kienu ghadhom pendenti u fejn ir-rikorrenti qed jallega li kien bla ebda htija ghal tali dewmien.

**Ligi**

In materja ta’ gurisprudenza din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet David Marinelli vs Avukat Generali et deciza fit-3 ta’ Lulju 2008 fejn intqal hekk:

B’mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f’xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzki kollha partikolari f’dawk il-proceduri, u b’mod partikolari:

1. in-natura u/jew komplessita’ tal-kaz in kwistjoni,
2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita’ gudizzjarja stess.

Kif ziedet il-Qorti fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali deciza fis-27 ta’ Gunju 2003 rigward il-kriterji uzati biex jigi determinat jekk proceduri nstemghux u nqatghu fi zmien ragonevoli:

S’intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b’mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok

ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli

“When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions. In the *Bunkate* Case for instance, a criminal case, the relevant period lasted two years and ten months. The lapse of time was amongst other factors caused by a period of total inactivity of fifteen and a half months between the filing of the appeal on points of law and the reception of the case-file by the registry of the Supreme Court. This period in itself infringed the reasonable-time requirement. On the other hand, in the *Boddaert* Case it took slightly more than six years to determine the ‘criminal charge’. This lapse of time did not violate Article 6. Comparable differences may be noted as far as civil proceedings are concerned. In the *Ciricosta and Viola* Case an overall period of more than fifteen years did meet the requirements of Article 6(1), but a lapse of time that lasted four years and five months in the *Pugliese II* Case did not pass muster”. (Van Dijk, P. u van Hoof, G. J. H., **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449).

Mill-banda l-ohra wiehed irid ukoll iqis dak li ntqal mill-Qorti fil-kawza John Bugeja vs Avukat Generali et deciz fil-11 ta’ Awwissu 2003 fejn intqal hekk:

Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa' l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x' aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f' xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja *o meno* ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (*backlog*) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.

Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"*…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche***

***de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994)* – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).”

Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inqaghtetx fi zmien ragonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecji u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom “*the complexity of the case, and …. the conduct of both the applicant and the competent authorities* (Buchholz vs Germany 06/05/1981 para. 49), kif ukoll “*the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*” (Gast & Popp vs Germany 25/02/2000 para. 70).

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti.

Ir-rikorrenti, fiz-zmien tal-proceduri civili li nfethu kontrih kien ginekologu fl-isptar San Luqa bhala konsulent meta l-konjugi Cachia fethu kawza kontrih u t-tabiba Dottoressa Lucia Micallef Hawkes ghal negligenza professjonali in konnessjoni mat-twieled ta’ binhom li sofra dizabilita allegatament fil-proceduri tat-twelid. Dan sehh fl-1985. Sar lment mill-konjugi Cachia u saret inkjesta mill-Medical Council li ntemmet fl-1986 fejn assolviet lir-rikorrenti minn kull responsabilta (Dok. A fol. 61 prodott mill-Avukat Generali). Il-konjugi Cachia xorta fethu kawza civili kontrih fl-1987 ghal negligenza professjonali.

Ir-rikorrenti qed jibbaza l-ilment prezenti tieghu fuq il-fatt li sal-2008 cioe 21 sena wara li nbdiet il-kawza civili, din kienet ghadha l-boghod minn tmiemha u tali dewmien kien ingustifikat.

Ir-rikorrenti jsostni illi dan it-tul ingustifikat kellu riperkussjonijiet negattivi fuq sahhtu u l-integrita professjonali tieghu kif ukoll kkrejat ansjeta ghall-incertezza tal-ezitu u l-piz finanzjarju li l-ezitu tal-kawza seta’ jkollu fuqu u aktar fuq familtu jekk jigi nieqes fil-mori, u dan billi r-rikorrenti fl-2008 kien gia ta’ eta avvanzata.

Ir-rikorrenti gab prova li hu ibati b’qalbu u fl-1989 ghamel bypass u s-sintomi regghu zviluppaw fl-1994 u baqa’ taht

osservanza regolari tal-konsulent kardiaku Professur Albert Fenech skond ma jirrizulta mic-certifikat tal-istess professor a fol. 21 tal-process. Hi l-opinjoni tal-konsultent mediku illi l-incertezza protratta fl-ezitu tal-kawza jista' u qed jikkrejaw impatt negattiv fuq sahhet ir-rikorrenti minhabba l-ansjeta u stress.

Bint ir-rikorrenti fix-xiehda taghha kkonfermat kemm kien u baqa' jinkwieta missierha fuq l-ezitu tal-kawza u dan ghar-ragunijiet finanzjarji li l-ezitu tal-kawza setghet tghabbi lir-rikorrenti u familtu u l-istima professjonali tieghu li hass li kienet giet imtappna b'dan il-kaz u li ma gietx rizolta mill-Qorti.

Mill-banda l-ohra gie ppruvat illi r-rikorrenti baqa' jahdem regolarment l-isptar, ma tilef ebda paga jew beneficju, gawda minn pensjoni skond il-ligi u anki baqa' jahdem privatament qabel irtira ta' 75 sena.

Il-Qorti kif komposta hi perplessa li qabel ma giet assenjata din il-kawza f'Jannar ta' din is-sena, il-kawza kienet wieqfa tistenna l-ezitu tal-kawza civili, u dan bil-beneplacitu tal-istess rikorrenti. Din il-Qorti ma tqis li l-ezitu tal-kawza civili kien b'xi mod jaffettwa d-drittijiet kostituzjonali tar-rikorrenti ghad-dewmien meta l-allegazzjoni tieghu kienet wahda cara ta' dewmien ingustifikat tal-proceduri almenu sal-mument li saret din il-kawza. Madankollu kienet x'kienet ir-raguni hi l-fehma tal-Qorti li dak li sehh mill-2008 il-quddiem ghalkemm jirrifletti fuq l-andament u prosegwiment tal-kawza sa tmiemha li forsi gew imbuttati l-quddiem b'din il-kawza ma ghandux jaffettwa mod jew iehor id-drittijiet tar-rikorrenti f'dak li qed jigi kkunsidrat bhala mertu ghal perjodu indikat ta' 21 sena li kienet ilha pendenti l-kawza meta sar ir-rikors.

Kif inghad it-tul ta' zmien wahdu mhux konkluzzjoni awtomatiku ta' dewmien ingustifikat. Il-Qorti fliet il-process voluminuz tal-kawza civili u jidher li bejn l-1987 u l-1992 il-provi kienu ngabru u fil-fatt il-kawza kienet differita ghar-rapport legali u iehor mediku mill-esperti mqabbda mill-Qorti. Din hi procedura normali f'kawzi ta' materji specjalizzati bhal ma huma dawk medici li l-Qorti tqabbad

esperti jisimghu l-provi u jaghmlu rapport lil Qorti bir-rizultanzi taghhom. Il-Qorti tqis li f'kawzi ta' din in-natura l-provi jkunu xi ftit komplessi, il-persuni involuti kollha b'impenji massivi ta' xoghol u ghalhekk din it-tip ta' kawza inevitabilment tiehu certu hin biex tinstema'. Di piu wahda mit-tobba konvenuti kienet tahdem barra minn Malta u kellha tigi Malta biex tixhed u dan ukoll jaghti lok ghal certu trapass ta' zmien. Sa hawn pero l-partijiet jidhru li kienu jikkoperaw ma' xulxin u ma jistax jinghad li kien hemm xi lment li l-partijiet jew is-sistema gudizjarja kienet mankanti.

Pero inqala' l-ewwel intopp meta wara li l-kawza giet differita biex il-periti gudizjarji jintavolaw ir-rapport fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1992, il-konjugi Cachia talbu li jressqu provi ohra wara li naqsu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet in sostenn tat-talbiet taghhom u din il-kwistjoni karkret sal-4 ta' Mejju 1994 fejn il-Qorti ddecidiet li ghandhom jinstemghu provi ulterjuri mill-konjugi Cachia. Sadattant ghal kompletezza kien hemm bdil fil-Qorti kif preseduta, haga li tul il-kors tal-kawza saret ghal erba' darbiet.

Jirrizulta mill-atti illi bejn Settembru 1994 u 17 ta' Mejju 1995 saru ebda seduti fejn inghalqu l-provi u minn hemm il-kawza baqghet tigi differita ghar-rapport sal-11 ta' Dicembru 2001 fejn gie pprezentat ir-rapport peritali u fejn fl-intervall gie sostitwit il-perit legali. Kien hemm sollecitamenti tal-Qorti fil-verbali biex il-periti gudizjarji ilestu r-rapport pero xorta mis-sostituzzjoni tal-ewwel perit legali fit-22 ta' Ottubru 1999, il-kawza damet sentejn u xahrejn ohra biex jigi pprezentat finilment ir-rapport peritali.

Il-konjugi Cachia talbu n-nomina ta' periti addizjonali peress li r-rapport peritali ma kienx tahom ragun li fil-fatt gew nominati u sad-data tal-kawza prezenti l-kawza kienet ghadha fl-istadju fejn il-Qorti kienet ghadha qed tistenna li jigi redatt ir-rapport addizjonali minghajr ma hemm spjegazzjoni gustifikata tad-dewmien hlief li nbidel wiehed mill-periti u parti mill-process kellu jgi rikostruit.

Il-Qorti tara ingustifikat id-dewmien fit-tfassil u pprezentar tal-ewwel rapport peritali ta’ sitt snin u nofs. Ghalkemm il-Qorti ssollecitat lil-periti gudizjarji jestendu r-rapport xorta ma sar xejn f’dan iz-zmien kollu. Hu minnu illi r-rikorrent odjern qua konvenut fil-kawza civili ma ressaq ebda rikors formali ghal dan id-dewmien jew talab li jittiehdu proceduri pero kull ma jidher li sar hu illi l-perit legali gie sostitwiet fl-1999 u xorta ghaddew sentejn ohra biex gie pprezentat ir-rapport. Il-verbali juru illi r-rapport mediku kien lest skond il-verbal tal-10 ta’ Dicembru 1997 ghalkemm l-istess rega’ gie ripetut fil-verbal tat-22 ta’ Frar 2001. Nonostante dan kollu, il-Qorti ma kinitx rigida bizzejjed biex tinvestiga x’realment kien qed jigri u fejn hemm bzonn issejjah lil periti gudizjarji quddiemha u fejn hu l-kaz tiehu l-provvedimenti mehtiega li l-istess ligi taghtiha, fosthom lil tiddispensa bil-perizja legali jekk il-perizja medika fil-fatt kienet konkluza u tkompli tmexxi l-kawza hi meta hu car li l-kawza kienet gia ilha ghaxar snin pendent sal-1997 meta gie vebalizzat li r-rapport mediku kien lest.

Anki jekk ghal grazzja tal-argument il-ligi tirriserva d-dritt ta’ danni kontra l-periti gudizjarji ghan-nuqqas taghhom, dan ma jfissirx li l-Qorti ma ghandhiex tassigura li l-awtorita taghha tigi rispettata billi l-periti gudizjarji jottemperaw mal-ordnijiet taghha u jaghtu ragunijiet sodisfacenti li jinnecesitaw lil Qorti li tikkoncedi differenti.

Hu car li f’dan il-kaz ma sarx hekk u nonostante l-problemi biex sar l-ewwel rapport, l-istess modus operandi ippersista bin-nomina tal-periti perizjuri li sa sitt snin wara cioe mill-2002 sal-2008 ma kienx ghadu konkluz u l-Qorti jidher li baqghet inerti ghal abbuz li kien qed isir mis-sistema gudizjarja li l-istess Qorti kien fid-dover li tipprevjeni bi u minghajr l-kontribut tal-partijiet biex il-kwistjoni tigi rizolta bla dewmien fl-interess tal-partijiet u l-gustizja.

Huma dawn il-fatturi li jgieghel lil Qorti taqbel sa certu punt mar-rikorrenti illi d-dewmien fih innifsu kien lesiv ghad-dritt tieghu li jinghata gustizzja bl-aktar mod effikaci u fi zmien ragonevoli billi l-proceduri tal-Qorti jigu mmexxija kif imiss safejn il-ligi u c-cirkostanzi jippermettu. F’dan il-kaz il-Qorti

naqset billi ma zammitx bizzejjed kontroll fuq il-proceduri li ghalkemm huma inizjati u mmexxija mill-partijiet pero l-aqwa arbitru tal-uzu korrett tal-procedura hu fdat fil-poter tal-Qorti li trid tezercitah fejn ikun mehtieg.

Bla dubju l-Qorti tqis li kien x'kien l-ezitu tal-kawza civili, dan it-tul tal-kawza bil-fors kellu effett fuq l-integrita professjonali tar-rikorrenti, ghax kif qal hu, Malta hi zghira u kulhadd jaf lil kulhadd specjalment fi crieki ta' socjeta kompatta bhal ma hi dik medika jew legali. In oltre sahhet ir-rikorrenti wkoll ma setghetx iggjovat mill-hsieb lli hemm il-kawza u l-konsegwenzi finanzjarji, aktar u aktar meta r-rikorrenti beda jikber fl-eta.

Dak li pero l-Qorti ssib mhux daqstant konfortanti hu illi r-rikorrenti ma jidhirx li ppartecipa attivament fid-differimenti quddiem il-Qorti u ma ressaqx ilmenti verbali jew skritti tul il-kawza rigward id-dewmien u l-effett li kien qed jikkreja ghalkemm il-Qorti hi konsapevoli illi kultant pressjoni zejda min xi parti tista' tikkreja antipatija jew antagonizmu mhux mehtieg. Pero kif qalet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Eckle vs Germany** fit-18 ta' Mejju 1983:
An applicant is not required actively to cooperate with the judicial authorities but nonetheless his conduct may be taken into account as an objective factor for which the Government is not responsible.

Il-Qorti tqis illi, minghajr ma tidhol fil-kwistjoni dwar x'sehh wara l-prezentata ta' din il-kawza , meta saret il-kawza civili kienet ilha pendenti aktar minn 20 sena, id-dewmien biex jigu pprezentati r-rapporti gudizjarji kemm dawk inizjali u dawk addizjonali ma kienux gustifikati u setghu ttiehdu mizuri u tpogga pressjoni aktar mill-Qorti biex iz-zmien ragonevoli li ghandha tiehu kawza jigi kontrollat. Ghalkemm il-materja ma kinitx wahda semplici, pero lanqas jista' jinghad li kien jimmerita snin shah qabel esperti johorgu b'rapport minghajr mal-Qorti turi rieda determinata u dixxiplinata biex l-ordnijiet taghha jigu obduti.

Bl-istess ragunament ma giex pruvat illi ghal dan id-dewmien fl-istesura tar-rapporti gudizjarji kien hemm

kontributorjata negattiva kbira fil-komportament tal-partijiet fil-kawza civili ghalkemm in-nuqqas ta’ pressjoni u interess assidwu minn naha taghhom zgur li ma bbenefikat lil hadd u dan ser jittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti ta’ kumpens ghal vjolazzjoni subita.

**Decide**

Il-Qorti tqis illil t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti skond l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu gie lez id-dritt tieghu li l-proceduri fl-ismijiet John Cachia et noe vs Tabib Tancred Busuttil et (983/1987) jigu konkluzi fi zmien ragonevoli; u in kwantu ghal rimedju l-Qorti tqis li ghandu jinghata kumpens ghal din il-vjolazzjoni ta’ drittijiet li l-Qorti qed tillikwida fis-somma ta’ €2,500; u tastjeni minn provvedimenti ohra billi fil-mori ta’ din il-procedura l-kawza civili giet deciza definittivament. L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------